# KONFERENZA DWAR L-UŻU TA' TEKNOLOĠIJI AVVANZATI TAD-DIĠITIZZAZZJONI 3D GĦALL-PRESERVAZZJONI TAL-WIRT KULTURALI TA' TAĦT IL-BAĦAR

**Stqarrija | 13 ta' Ġunju 2024**

Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Stavanger (MUST) b'ħerqa jħabbru konferenza pubblika bl-isem 'Clean Oceans and Mapping Our Seas', li se ssir nhar l-Erbgħa 19 ta' Ġunju. Dan l-avveniment se jiffoka fuq kif it-teknoloġija avvanzata tad-diġitizzazzjoni qed tillimita l-impatti negattivi tal-attività umana fuq l-oċeani tagħna u tgħin fil-preservazzjoni tal-wirt kulturali li jħaddnu.

Il-konferenza se tospita kelliema distinti mill-Kummissjoni Ewropea, il-UNESCO, it-Taqsimiet tad-Diġitizzazzjoni u tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar fi ħdan Heritage Malta, u esperti minn diversi pajjiżi Ewropej. Huma se jippreżentaw studji u pariri dwar l-aqwa prattiki fid-diġitizzazzjoni 3D tal-wirt kulturali ta' taħt il-baħar. Dan l-avveniment huwa mtella' taħt il-patroċinju tal-inizjattiva TwinIt! tal-Kummissjoni Ewropea, u huwa ffinanzjat mill-fond bilaterali ta' bejn Malta u n-Norveġja.

Minħabba domanda kbira, il-biljetti għall-parteċipazzjoni fuq il-post fil-Mużew Marittimu ta' Malta nqatgħu kollha. Madankollu, il-konferenza se tixxandar online lill-mistednin li jkunu rreġistraw, biex b'hekk esperti, nies fl-oqsma kkonċernati u dawk li jinteressahom is-suġġett minn madwar id-dinja kollha jkunu jistgħu jingħaqdu fid-diskussjonijiet dwar soluzzjonijiet diġitali 3D innovattivi għad-dokumentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-wirt kulturali ta' taħt il-baħar. Il-konferenza hija mqassma f'sitt sessjonijiet, bl-ewwel waħda tibda fid-9:00 am u l-aħħar waħda tispiċċa fil-5:15 pm. Dawn joffru pjattaforma għal għażla wiesgħa ta' kelliema biex jaqsmu skoperti friski u għarfien espert.

Il-parteċipazzjoni hija bla ħlas. Għal aktar tagħrif u biex tirreġistra żur din il-paġna: https://maltamaritimemuseum.mt/cleanoceans/. Il-parteċipanti online se jkollhom l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet u jinteraġixxu mal-kelliema.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta